TAKING GENDER EQUALITY TO LOCAL COMMUNITIES
(co-funded by the Community Framework Strategy on Gender Equality 2001-2005)

# MHIX IMĦABBA

Kif taqbiżlu jgħolli leħnu.
Jarma jaħlef, jidgħi tnejn.
Jibda jsabbat, platti jkisser.
Idu jerfa'. Mnejn sa fejn?

Tilqa' b'minkbha f'rokna msakkra
kontra l-qilla tad-daqqiet.
Dmugħ għajnejha mhux biżżejjed
'qas ta' fommha il-karbiet.

**REF:** Mhix imħabba, mhix raġuni,
mhux il-mod x'ħin ma naqblux.
Hi turija ta' dgħufija
fejn bil-kalma ma naslux.

Il-vjolenza wkoll verbali
tħalli 'mpatti ma jisktux.
Il-weġgħat tal-qalb u l-ġisem
jgħaddu s-snin u ma jfiqux.

Imbagħad jiskot, leħnu jbaxxi,
għax jinstema' mill-ġirien.
Hi taħbilu, tgħid li waqgħet,
b'hekk imbenġla kullimkien.

**REF:** Mhix imħabba, mhix raġuni eċċ...

Mhux biss mara, anke raġel
jista' vittma jkun tas-swat;
kemm fil-ġisem, kemm morali
tal-vjolenza riżultat.

**REF:** Bniedem qum tħallix dan jiġri.
Mhux biżżejjed li tinkedd.
Min jabbuża jrid l-għajnuna
imma jsawwat m'għandux jedd.

TAKING GENDER EQUALITY TO LOCAL COMMUNITIES

(co-funded by the Community Framework Strategy on Gender Equality 2001-2005)

Bniedem qum tħallix dan kollu.
Taħbi qatt il-verita`.
Tibqax tbati fis-silenzju.
Inti għandek dinjita`.

joe julian farrugia